# L-Immakulata Kunċizzjoni:
## Kult, arti, naqriet storiċi u soċjali

minn

**Joe Camilleri**

Il-bdiewa tal-imgħoddi kienu jħobbu jgħidu li l-Kunċizzjoni hija l-ewwel stilla tal-maltemp. Riedu jfissru li jum it-8 ta' Diċembru - il-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni - ikun stilla, jiġifieri okkażjoni fissa ta' xita jew maltemp. Minkejja dan it-taqtigħ ta' qalb, din il-festa fil-bieb tax-xitwa hi waħda popolari u mistennija. B'mod partikulari fir-Rabat fejn hawn kult ħaj u fejn ix-xbieha ta' Marija Immakulata għandha niċċa ta' għożża f'qalb il-poplu.

F'Għawdex, il-festa tal-Kunċizzjoni tkun iċċelebrata fis-Santwarju antik tal-Qala, kif ukoll fil-knisja ta' San Franġisk fir-Rabat immexxija mill-Patrijiet Franġiskani Minuri Konventwali. F'din il-knisja, l-altar iddedikat lill-Madonna taħt it-titlu tal-*Kunċizzjoni Santissima* kellu l-kwadru tiegħu mpitter fl-1646 u li llum jinsab fl-oratorju tal-kunvent. Ma nafux min hu l-awtur tiegħu. Interessanti li fil-ġnub tax-xbieha ċentrali tal-Madonna naraw simboli simetriċi tal-Litanija Lawretana. Fl-1663, f'dan l-altar twaqqfet il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni mill-Isqof Gargallo. Sa mill-1652, il-Patrijiet Franġiskani Konventwali kienu jorganizzaw żewġ festi f'ġieħ il-Madonna, waħda fit-8 ta' Diċembru u oħra f'Mejju lill-Madonna tal-Ġilju li hi titlu ieħor li jirrappreżenta s-safa sa mit-tnissil ta' Sidtna Marija.

Mat-twaqqif tal-fratellanza, id-devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni kotrot. Il-kult rabba l-għeruq minħabba t-tħabrik u l-ħidma tal-patrijiet u billi l-fratellanza kienet waħda attiva. Il-fratelli bdew jagħmlu l-laqgħat tagħhom fl-oratorju li nbena apposta fl-1687. L-artal tal-Kunċizzjoni, bl-attività liturġika kollha kien responsabbiltà tagħhom. Il-fratellanza kellha f'idejha wkoll l-organizzazzjoni tal-festa f'ġieħ l-Immakulata Kunċizzjoni. Nafu li sa minn qabel l-1698, il-purċissjoni kienet issir bi statwa. Jista' jkun li kienet l-istess statwa qadima tal-injam li wara għamlet żmien fil-kripta tal-kunvent u li b'telfa kbira,inqerdet fl-1972.

### *Inkwatru ġdid*

Fl-imgħoddi, l-altar tal-Kunċizzjoni li nsibu llum kellu prospettiva bil-wisq isbaħ, b'tinqix mirqum stil Barokk u b'kolonni li b'xorti ħażina, bħal dawk tal-altari l-oħra tal-ġnub tneħħew fl-1910 biex jinkiseb ftit aktar spazju. Fl-1760, il-kwadru l-qadim ta' dan l-altar inbidel ma' dak li naraw illum. Tpitter fl-idjoma Barokka mill-pittur Spanjol Francisco Preciado de la Vega (1713-1789) li kien attiv f'Ruma fejn miet.

Francisco Preciado twieled Sevilja fejn tħarreġ fil-bottega ta' Domingo Martinez. Kien diġà irċieva l-ordnijiet minuri meta fl-1733 telaq għal Ruma fejn issokta l-istudji tiegħu ma' Sebastiano Conca. Fl-1739 rebaħ l-ewwel premju għall-pittura fl-akkademja prestiġjuża ta' San Luqa. Ir-Re Ferdinando ħatru pittur tal-palazz irjali, iżda Francisco Preciado baqa' jgħix f'Ruma minn fejn kien jibgħat il-kummissjonijiet lejn Spanja. Ferdinandu ħatru wkoll direttur tal-akkademja Spanjola f'Ruma. Francisco Preciado serva darbtejn ta' segretarju tal-*Accademia diSan Luca,* u direttur tagħha bejn l-1766 u l-1770.

Il-kwadru titulari l-ġdid tal-Kunċizzjoni kien ikkummissjonat lill-pittur mill-Gwardjan Patri Francesco Borg wara li kien intlaqat qatigħ minn kwadru ieħor bl-istess tematika tal-Kunċizzjoni li kien għadu kemm lesta l-pittur Spanjol għall-knisja tas-



*Santisssima Trinità degli Spagnoli* ta' *Via dei Condotti*, Ruma, li llum hija mmexxija mill-Patrijiet Dumnikani.

Jingħad li l-kwadru t'Għawdex hu verżjoni oħra ta' dak ta' Ruma. Biss wieħed irid jistenna sakemm l-opra tal-arti tgħaddi minn proċess ta' konservazzjoni biex jitnaddfu ċerti passaġġi u hekk inkunu nistgħu niflu sewwa ċerti paralleliżmi, anki kromatiċi.

Wara li l-kwadru l-ġdid tal-Immakulata Kunċizzjoni kien wasal Għawdex, l-Isqof Rull ta indulġenza ta' 40 jum għal min jgħid Salve Regina quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Din l-għotja ssuktat iżżid id-devozzjoni lejn din ix-xbieha.

### *Aspett soċjali*

Fin-nuqqas ta' benefiċċji soċjali mill-istat, il-fratellanzi kienu jimlew vojt u jwettqu bosta opri ta' benefiċjenza. Fost il-ħidma tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni, interessanti ħafna li nsemmu l-għoti ta' dota lil xbejbiet fqar. Din id-dota kienet tingħata kull sena lil xebba Għawdxija wara għażla li ssir mill-fratelli xhin ikunu miġbura għall-għasar nhar il-festa. Kull wieħed kien mistenni li jikteb isem ta' tfajla fqira biex imbagħad jittella' bix-xorti. Id-dota setgħet tingħata minn imgħax ta' 14-il uqija Maltija li kienu ġejjin mill-beni ta' Angelinu Spiteri permezz ta' legat imħolli b'testment tad-9 u tas-17 t'April, 1668 li sar għand in-Nutar Giovanni Andrea Madiona.

Fl-1878 tħejjiet kaxxetta bil-boċċetti suwed u kannella biex l-ismijiet jittellgħu b'mod aktar ġust u trasparenti. Din id-drawwa tal-għoti tad-dota kellha tmut mewta naturali għax minħabba problemi fl-investimenti u fl-ekonomija dinjija, illum il-legat iwassal biss għal xi ħames ewro fis-sena!

### *L-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni*

Żgur li l-kult, id-devozzjonijiet u l-popolarità lejn l-Immakulata Kunċizzjoni kibru qatigħ mal-wasla tal-istatwa l-ġdida fl-1848. Hi xogħol importanti fl-istorja tal-istatwarja Maltija tas-seklu 19. Tnaqqxet f'Birkirkara mill-iskultur Bormliż Salvatore Psaila (1789-1871) li kien studja wkoll taħt l-iskultur magħruf Mariano Gerada. Fost ix-xogħlijiet ta' Psaila, ta' min isemmi wkoll l-istatwa ta' Sant'Elena ta' Birkirkara, il-Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq u l-Irxoxt tal-Birgu.

Meta naqqax fl-injam l-istatwa tal-Kunċizzjoni għal Għawdex, Salvatore Psaila kellu 59 sena. Għalhekk kien laħaq il-quċċata tal-fażi tal-maturità artistika tiegħu. Jidher li l-istatwa tnaqqxet minn erba' biċċiet li kienu nkollati flimkien. Hija statwa sabiħa u artistika msawra minn monofigura fit-tifsila serpentina tal-idjoma Barokka. Panneġġi li jaqgħu b'naturalezza u joħolqu ċerti linji ritmiċi jorbtu l-kompożizzjoni minn kull naħa. Il-wiċċ huwa grazzjuż u simpatiku, iżda fl-istess ħin fih ċerta umiltà spiritwali u dinjituża. Hija kapulavur fil-linja ta' statwi oħra artistiċi li kienu qegħdin jinħadmu f'dik l-epoka bil-għan li jinħarġu f'purċissjonijiet. Jidher li din l-istatwa tal-Kunċizzjoni ħadet post dik l-oħra wisq iżgħar li kienet tinħareġ darbtejn fis-sena.

### *Niċeċ u xbihat devozzjonali*

Il-kult lejn l-Immakulata Kunċizzjoni ma baqax magħluq bejn l-erba' ħitan tal-knisja. In-nies stqarret



l-imħabba u d-devozzjoni tagħha lejn l-Immakulata permezz ta' għemejjel oħra. Fir-Rabat, u l-aktar lejn il-ħâra ta' wara San Franġisk, rari kont issib familja li ma turix imħabbitha lejn l-Immakulata billi ssemmi xi wild għaliha. L-ismijiet Kunċetta, Konċa, Ċetta, Maria Concetta jew Cettina kienu komuni fost il-bniet tar-Rabat.

Ftit li xejn kien hemm id-drawwa li jagħtu isem lid-dar, iżda ħafna drabi l-kult kien mistqarr permezz ta' niċċa mal-faċċata jew f'xi liwja. Dejjem bil-fanal inemnem quddiem ix-xbieha biex in-nies tgħaddi tlissen talba lill-Madonna u f'għadd ta' każijiet, tikseb ukoll l-indulġenzi. Nhar il-festa, uħud min-niċeċ kienu jiżżejnu u l-okkażjoni titfakkar bil-kbir, anki f'każ partikulari, bid-daqq tal-banda.

Fir-Rabat għad baqgħalna seba' niċeċ pubbliċi ddedikati lill-Immakulata Kunċizzjoni. L-eqdem waħda, dik mal-ħanut tal-Familja Curmi f'Misraħ Tomba tmur lura żgur sal-1675. Oħra qadima u grazzjuża tinsab fil-kantuniera tal-ħanut tal-Familja Debattista f'Misraħ San Franġisk, u oħra f'niċċa ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini. Artistika wkoll hija x-xbieha tas-seklu 18 li hemm magħluqa f'niċċa mal-ġenb tal-knisja ta' San Franġisk.

Ħafna devoti, b'mod speċjali t-tfal, kienu jħobbu jilbsu domna tal-metall bix-xbieha tal-Madonna mehmuża mal-flokk ta' taħt jew indendla mill-għonq b'ġiżirana. Fid-djar, fuq xi gradenza jew fuq xkaffa f'kantuniera bil-lumina taż-żejt tixgħel lejl u nhar quddiemha kien hemm min jgħożż xi statwa tal-Kunċizzjoni, replika ta'

dik ta' Psaila jew riproduzzjoni tal-ġibs tat-tipoloġija ta' Murillo. Aktar komuni fid-djarta' dawk li kellhom xi sold kienu l-inċiżjonijiet u l-litografiji. L-oleografiji li bdew jiġu impurtati aktar tard mill-Ġermanja sabu ruħhom fid-djar aktar umli. Imbagħad warajhom bdew deħlin ix-xbihat iffotografati suwed u bojod u mlewna bl-idejn. Kollha stqarrijiet viżivi ta' għożża u ta' devozzjoni.

### *Żmien ċelebrattiv*

It-titjib ekonomiku li ċċaqlaq f'Malta fis-seklu dsatax ħalla l-effetti tiegħu fuq il-ħajja soċjo-kulturali tal-poplu. Għalkemm f'Għawdex il-limitazzjonijiet kienu aktar notevoli u l-ekonomija kienet għadha primarjament marbuta mal-biedja, l-Għawdxin ukoll bdew jiddakkru mid-dekorazzjonijiet u mill-aspetti ċelebrattivi li bdew isiru fi knejjes f'Malta.

Fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali t'Għawdex, il-festa tal-Kunċizzjoni bdiet issir aktar bil-kbir, bl-aħjar daqqaqa mużikali u bi predikaturi magħrufa. In-nies kienet tinġabar bi ħgarha għall-funzjonijiet reliġjużi u għall-purċissjoni. Kulħadd fuq ix-xwiek sal-aħħar, l-aktar meta l-ajru jkun magħqud u x-xita mdendla. Ħafna drabi kienet taqa'sirda kbira jekk mhux ukoll ksieħ ixoqq l-għadam. Nhar il-Kunċizzjoni, aktarx li n-nies kienet tintebaħ li x-xitwa tkun wara l-bieb u għalhekk ixxidd l-ilbies oħxon tal-istaġun. Imma rridu ngħidu li kienu jserrħu rashom jekk il-25 ta' Novembru, festa ta' Santa Katarina, ikun inzerta bnazzi. Tkun ser tirnexxi wkoll il-festa tal-Immakulata. Niesna kienu jemmnu qatigħ fil-qawl li *jekk toħroġ is-seftura* (il-vara ta' Santa Katarina), *kienet toħroġ is-Sinjura* (il-Madonna).

Erħilha n-nies tinġabar bi ħgarha f'Misraħ San Franġisk, imxennqa għal festa oħra wara waqfa ta' tliet xhur mill-istaġun festiv. Ma kienx ikun hemm fejn taqa' labra. Kulħadd jitgħaxxaq bid-daqq tal-banda, bil-mixegħla u bil-purċissjoni mlewna. Illum il-ħajja nbidlet. In-nies m'għadhiex tistenna l-okkażjoni tal-festa biex iżżanżan libsa ġdida, biex toħroġ mid-dar u tisma' d-daqq mużikali. Jew inkella biex titgħaxxaq bit-tiġrijiet tal-bhejjem li kienu jsiru wkoll nhar il-Kunċizzjoni. Iżda minkejja l-aljenazzjonijiet u l-varjazzjonijiet ta' divertiment li toffri l-ħajja, il-festa tal-Kunċizzjoni għadha waħda popolari. Il-kult u d-devozzjonijiet għadhom ħajjin. Iċ-ċelebrazzjonijiet esterni ħadu xejra aktar imlewna permezz tal-attività ta' bosta żgħażagħ li kollhom ħeġġa ħolqu aktar tiżjin fit-toroq. Dwal ġodda u dekorazzjonijiet b'armar, statwi, pavaljuni u bandalori li jkattru l-atmosfera festiva.

Minn meta rifsu fi gżiritna, il-Patrijiet Franġiskani Konventwali kellhom kuntatti pastorali mill-qrib mal-poplu. Bħalma għamlu f'pajjiżi oħrajn, f'Għawdex ukoll xerrdu u stabbilew l-imħabba u l-kult tal-Madonna bit-titlu tal-Immakulata Kunċizzjoni. Minkejja l-irjieħ tal-bidla, l-imħabba lejn il-Madonna għadha ħajja fi qlubna bħalma kienet f'dawk ta' missirijietna. U ta' kull sena, mix-xbieha qaddisa tagħha, Ommna tas-Sema għadha toħroġ iddur mat-toroq tar-Rabat biex titfa' fuqna lkoll it-tbissima tagħha ta' ferħ, ta' hena, ta' mħabba, ta' sliem u ta' barka.

